**MINUTI**

**Laqgha tal-Kunsill Lokali ta' Ta' Xbiex**

# IT-TMIEN LEGISLATURA

## Laqgha Numru 40

**28 ta' Gunju 2022**

**Il-Kunsill Lokali ta' Ta' Xbiex iltaqa' fl-Ufficcju Amministrattiv tieghu li jinsab fl-indirizz *Highrise Apartments* Triq l-Imradd Ta' Xbiex XBX1150, fil-hamsa u nofs ta' filghaxija.**

**PREZENTI:**

**Max Zammit - Sindku**
**Oriana Calleja – Vici Sindku**
**Ronald Portelli – Kunsillier**
**Louise Cachia Castelletti – Kunsillier**
**Eugenio Muscat – Kunsillier**

**ASSENTI B'APOLOGIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):**
**N/A**

**UFFICCJAL PREZENTI:**

**Yasmine Tonna – Segretarju Ezekuttiv**

## Minuti

Is-Sindku Max Zammit ippresjeda l-laqgha.

### 40.1 Qari ta' ittri ta' apologiji;

40.1.1 Ma kienx hemm, kulhadd kien prezenti ghal-laqgha.

### 40.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

40.2.1 Il-Minuti gew imresqa mis-Sindku ghall-approvazzjoni.

Ma kinx hemm korrezzjoni.

### 40.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti;

40.3.1 Is-Sindku Max Zammit ressaq ghall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista tal-pagamenti, dokumenti li kienu ccirkulati u li ttiehdu bhala moqrija u wara ppropona l-approvazzjoni tal-pagamenti. Saret spjega tal-pagamenti mressqa u wara l-Kunsillier Ronnie Portelli ppropona l-approvazzjoni tal-pagamenti kollha. Il-Kunsillier Eugenio Muscat issekonda.

Il-Kunsill unanimament approva l-pagamenti kollha.

### 40.4 Komunikazzjoni mis-Sindku;

40.4.1 Is-Sindku fakkar li fl-ahhar laqgha kien gie miftiehem li fil-laqgha li kien imiss kelna nistiednu l-Perit responsabli ghall-progett tal-Gnien tal-Ewropa gewwa l-Gzira. Izda s-Segretarju Ezekuttiv infurmatu li ma kinx disponnibli u talaba biex intuh data ohra preferribilment filghodu.

Is-Segretarju Ezekuttiv infurmathom ukoll li s-*site notice* ghada ma twehlitx, ghaldaqstant ghagla kbira ghad m'ghandnix.

### 40.5 *Update Connecting Through Culture Event*;

40.5.1 Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li s'issa zewg Ambaxxatti biss urew l-interess taghhom li jiehdu s'hemm.

Wara diskussjoni gie deciz li nergu nikkuntatjaw lill-Ambaxxati li ghadhom ma infurmawniex hekk humiex interessati li jippartecipaw jew le. Irridu nikkuntatjaw ukoll lil dawk li urew interess biex jkolna idea ta' kif nistghu nimlew il-programm.

40.5.2 Il-Kunsillier Louise Cachia Castelletti qalet li hemm bzonn nahdmu fuq il-*performances* izda ovjament ghandha bzonn tkun taf il-budget ta' din l-attivita'.

40.5.3 Il-Kunsillier Louise Cachia Castelletti ftehmet mas-Segretarju Ezekuttiv biex jiltaqaw ghada filghodu biex jibdew jaghlqu l-affarijiet li ghad hemm pendenti.

## 40.6 *Matters Arising*;

40.6.1 Il-Kunsillier Ronnie Portelli issuggerrixxa li f'Jum Ta' Xbiex ghandna naghmlu *wrist bands* lir-residenti ta' Ta' Xbiex biex jkolna iktar kontroll lil min se naghtu ikel u xorb b'xejn.

Il-Kunsill qabel.

40.6.2 Is-Sindku qal li rcevejna ittra mit-Transport Malta biex naghmlu *Keep Clear* jew *Reserved Parking Bay* fuq talba ta' residenta li toqghod fi Blk D2 Triq id-Deffa minhabba li ghandha l-*blue badge* u qed issib diffikulta biex tohrog minhabba li ghandha problemi f'saqaja. Huwa qal li s-Segretarju Ezekuttiv staqsiet lit-Transport Malta x'inhi ir-raguni li mhux se jaghmlu disabled bay bhas-soltu izda ghada qed tistenna risposta. Is-Segretarju Ezekuttiv qalet ukoll li meta residenta giet il-Kunsill hija xtaqet li jkollha wahda ppersonalizata.

Il-Kunsill qabel unanimament li sakemm ma nircivux risposta ghandna naghmlu *Blue Parking Bay* komuni u nergu nitkelmu meta nircievu risposta.

## 40.7 *SPI/SCI/3/2020 – Skema Finanzjament Accessibilita' u Mobilita';*

40.7.1 Is-Sindku Max Zammit spjega li s-Segretarju Ezekuttiv infurmatu li z-zmien tat-*tender* tal-bankini biex jibbidjaw ghalieh ghalaq, izda sfortunatament hadd ma wera interess ghal dan it-*tender*. Ghaldaqstant s-Segretarju Ezekuttiv infurmat lid-Dipartiment u talbet ukoll estensjoni ta' zmien biex ma jintilfux l-fondi u nilhqu nohorgu *tender* iehor.

Id-Direttur Marisa Pisani issuggerritielna li nitolbu *Direct Order*. Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li hija tkelmet mas-Sindku u gew fi qbil li l-ewwel nistennew risposta ghat-talba tad-*Direct Order* li diga tlabna rigward is-solar bins u wara ghandna nergu nitolbu ohra. Sadanittant is-Segretarju Ezekuttiv xorta wahda qed iggib il-kwotazzjonijiet.

Il-Kunsill qabel.

## 40.8 Twegibiet ghall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera;

40.8.1 Il-Kunsillier Eugenio Muscat staqsa ghalfejn is-sigar f'dawk it-tlett konki fi Triq Abate Rigord ghadhom ma thawlux. Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li ilha tigri wara l-*Infrastructure Malta* minn mindu thawlu s-sigar l-ohra. Hija qalet li l-informazzjoni li kienu tawha hija li jirdu jnehhu l-konkos u s-siment u jinzlu fil-fond qabel ma jhawlu izda sfortunatament qatt ma saru.

Is-Segretarju Ezekuttiv hadet nota biex terga tfakkarhom u tara li jsiru.

40.8.2 Il-Kunsillier Eugenio Muscat saqsa meta se titranga l-funtana tax-xatt li taqa taht ir-responsabilita' tal-*Public Works*. Is-Sindku qal li huwa kellem lill-Ministru Zrinzo u weghdu li se jiehu hsieba. Is-Sindku qal ukoll li gibidlu l-attenzjoni li x-xahar id-diehel se jkolna zewg attivitajiet fl-istess area u se tidher kerha mitfija.

## 40.9 Items ohra ta' xoghol iehor tal-Kunsill Lokali li jkunu mehtiega;

40.9.1 Il-Kunsillier Eugenio Muscat infurma li l-Knisja bhalissa ghandha bzonn ghajnuna ta' finanzi. Huwa qal li meta kien msiefer mas-Sur Robert Tabone gewwa *Norway* gie infurmat li ghandha tohrog skema ohra tan-*Norwegian Funds* stess li nistghu napplikaw ghalija**.**

Il-Kunsill qabel unanimament.

40.9.2 Il-Kunsillier Eugenio Muscat qal li hemm resident li jixtieq jhawwel sigra.

Il-Kunsill qabel li ghandha naghmlu konka minflok it-telefon box li kien hemm fi Triq Abate Rigord kantuniera ma Triq Sir Ugo Mifsud u r-resident jista jixtri s-sigra li jixtieq jhawwel.

40.9.3 Il-Kunsillier Ronnie Portelli ssuggerrixxa li peress li r-residenti mhux qed jiehu hsieb il-pots li konna wehhilna mal-hitan fi Triq Emmanuel Galizia, ghandna nwehhluhom fi Triq Principessa Margerita.

Il-Kunsill ma qabilx minhabba li se nsibu l-istess problema.

40.9.4 Il-Kunsillier Louise Cachia Castelletti ssuggerriet li ghandna nikkunsidraw l-idea li kien qalilna l-Kunsillier Eugenio Muscat li l-*watering* ssir mill-haddiema tal-Kunsill ghalkemm ovjament rridu nixtru l-ghodda u ingenji .

## 40.10 Rapporti mill-Kunsilliera;

40.10.1 Il-Kunsillier Eugenio Muscat qal li flimkien mas-Sa Anna Micallef ccekja sewwa fuq l-iskema, li l-gvern issellifna l-haddiema kif ukoll l-makkinarju u l-kunsill johrog biss l-ispejjes tal-materjal. Huwa infurmana li din l-iskema ghada fis-sehh u ghandna nircievu iktar informazzjoni kif wiehed jista japplika.

40.10.2 Il-Kunsillier Eugenio Muscat qal li qed jiltaqa ma xi residenti fejn qed issibu ruhom f'diffikulta' biex jaqsmu fi Triq Testaferrata n-naha t'isfel lejn il-Gzira.

Wara diskussjoni gie deciz li nitlob Transport Malta hekk ittunix permess li ssir *zebra crossing* u noqodu fuq il-parir li jtuna.

40.10.3 Il-Kunsillier Ronnie Portelli qal ukoll li hemm bzonn li nohorgu b'idea rigward iz-zewg *pots* li hemm fi Triq George Mitrovich minhabba li l-qtates qed jmorru f'dawn il-pots jaghmlu l-bzonnijiet taghhom u qed ikun hemm riha qawwija.

40.10.4 Il-Kunsillier Louise Cachia Castelletti qalet li innutat *improvement fl-upkeeping* tas-sigar. Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li peress li mhux qed issib ko-operazzjoni mill-kuntrattur, tkelmet mas-Sindku u flimkien waslu ghall-konkluzjoni li jqabdu lill-haddiema tal-kunsill ukoll biex jnehhu l-haxix hazin.

Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li kif kien deciz fuq laqghat precedenti hija qed issaqsi lill-kuntrattur ghall-invoices iddettajlati biex hija tkun tista tikkonferma xoghlijiet qed jaghmel izda s'issa ghadu qatt ma baghat xejn ghaldaqstant mhux qed tressaq pagamenti u se tmexxi ghad-default notice.

Hija qalet ukoll li hekk il-Kunsill jaqbel, bil-flus li se nkunu qed innaqsu lill-kuntrattur nistghu nuzawhom ghand kuntrattur iehor u jaghmel ix-xoghol li mhux qed jaghmel il-kuntrattur prezenti.

40.10.5 Il-Kunsill qabel.

**40.11** Il-Kunsillier Louise Cachia Castelletti qalet li l-*bins* tar-rampa qed jkunu mimlijin kif ukoll in-naha ta' Blk F1 u F2. Is-Segretarju Ezekuttiv hadet nota ta' dan ir-rapport.

40.11.1

## Tmiem tal-laqgha u data tas-Seduta li jmiss;

Il-laqgha li jmiss ha ssir l-Erbgha 20 ta' Lulju, 2022 fil- hamsa u nofs ta' filghaxija.

Il-laqgha intemmet fis-sebgha ta' filghaxija.

Konfermati llum it-Tlieta 28 ta' Gunju, 2022.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| ________________ | ________________ |
| Max Zammit | Yasmine Tonna |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |

**x**